Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna fr ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.
Swipe to change

**il-Franċiż**

# Qrati ordinarji nazzjonali

Franza

F'din it-taqsima inti għandek issib ħarsa ġenerali lejn il-qrati ordinarji fi Franza.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.
Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.
-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Danieżil-Ġermanizl-Estonjanil-Griegl-IngliżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanl-Ungerizl-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżl-Isvediż

**Il-qrati ta' ġudikatura ordinarja - introduzzjoni**

**Il-qrati tal-prim' istanza**

**Il-qrati ċivili**

**1. Il-Qorti Reġjonali (*Tribunal de grande instance*)**

Il-Qorti Reġjonali tiddeċiedi dwar tilwim bejn l-individwi (kawżi ċivili) li jikkonċernaw **ammonti li jaqbżu l-EUR 10,000**.
Barra minn hekk, hija **kompetenti**, ikun xi jkun l-ammont tal-pretensjoni, **fl-oqsma li ġejjin**:
Il-liġi tal-familja: żwieġ, filjazzjoni, adozzjoni, dikjarazzjoni li persuna tkun nieqsa *(déclarations d'absence);*;
Ir-rettifika tal-atti tal-istat ċivili (*état civil:* twelid, żwieġ, mewt eċċ.);
Is-suċċessjonijiet;
Il-multi ċivili *(amendes civiles)* mġarrba mill-uffiċjali tal-istat ċivili *(officiers d'état civil);*
L-atti marbuta ma' proprjetà immobbli *(actions immobilières);*
L-istralċi tal-assoċjazzjonijiet;
Is-salvagwardja *(sauvegarde),* l-amministrazzjoni ġudizzjarja *(redressement judiciaire)* u l-likwidazzjoni ġudizzjarja *(liquidation judiciare)* meta d-debitur la jkun kummerċjant u lanqas ma jkun irreġistrat fir-reġistru tal-kummerċi (*répertoire des métiers*);
L-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard marbuta mal-professjoni ta' persuni li jaħdmu għal rashom fil-qasam tal-agrikoltura;
Id-drittijiet tar-reġistrazzjoni *(droits d'enregistrement)*, it-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-art *(taxes de publicité foncière)*, it-taxxi tal-bolla *(droits de timbre)* u l-kontribuzzjonijiet indiretti u taxxi meqjusa bħal dawn id-drittijiet, it-taxxi jew il-kontribuzzjonijiet;
Lokazzjonijiet kummerċjali *(baux commerciaux)* minbarra l-kontestazzjonijiet relatati mal-iffissar tal-prezz tal-lokazzjoni rrevedut jew imġedded *(baux profesionnels)* , lokazzjonijiet professjonali u ftehimiet ta' okkupazzjoni b'titolu prekarju fil-qasam kummerċjali *(conventions d'occupation précaire en matière commerciale);*
Kontestazzjoni ta' awtentiċità *(inscription en faux)* fir-rigward ta' atti awtentiċi *(actes authentiques)*;
Azzjonijiet ċivili marbuta mal-malafama *(diffamation)* jew mal-inġurji *(injure)* pubbliċi jew mhux pubbliċi, verbali jew bil-miktub.
Il-**fergħa kriminali** tal-Qorti Reġjonali tissejjaħ il-**Qorti Korrettiva** *(tribunal correctionnel)* , u din għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar id-**delitti** (*délits* ara hawn taħt).
Il-Qorti Reġjonali hija magħmula minn imħallfin professjonali *(magistrats)*: il-President, il-Viċi-Presidenti, l-Imħallfin, **il-Prokuratur tar-Repubblika** *(procureur de la République*, il-Viċi Prokuraturi *(viceprocureurs)* u l-assistenti *(substituts).*
Hemm ukoll imħallfin speċjalizzati, bħal:
**l-imħallef tat-tfal** *(juge des enfants)*, li huwa kompetenti biex jieħu miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-minorenni f'riskju ta' periklu u li jiddeċiedi dwar il-ksur (kontravenzjonijiet u delitti) imwettaq mill-minorenni. Fil-qasam kriminali, meta ma jkunx qed jgħaddi l-ġudizzju tiegħu bil-miftuħ, jista' jadotta biss miżuri edukattivi; meta jippresiedi l-qorti għat-tfal, huwa jaqdi r-rwol tiegħu flimkien ma' żewġ assessuri *(assesseurs)* mhux professjonali u din il-qorti tista' tadotta penali edukattivi u taqta' s-sentenzi.
**l-imħallef responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sentenzi** *(juge de l'application des peins)* , li xogħlu huwa li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ewlenin għall-eżekuzzjoni tal-priġunerija; meta l-imħallef jintervjeni f'kawża "magħluqa", fejn il-persuna teħel piena ta' ħabs, huwa jkun kompetenti biex jordna li l-piena tiġi aġġustata (pereż. rilaxx, semirilaxx, rilaxx kundizzjonata, tqegħid taħt sorveljanza elettronika); meta l-imħallef jintervjeni f'kawża miftuħa, huwa jkun responsabbli biex isegwi u biex jimmonitorja lill-persuna kkundannata fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tagħha (pereż. sentenza ta' priġunerija sospiża, servizz komunitarju, perjodu ta' prova soċjoġudizzjarju eċċ.);
**l-imħallef inkwirenti** *(juge d'instruction)* li, taħt il-monitoraġġ tal-awla istruttorja tal-Qorti tal-Appell *(chambre de l'instruction de la cour d'appel)*, huwa inkarigat li jipproċedi għall-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita l-verità; hu jiġbor flimkien l-elementi kollha tal-kawża, kemm jekk ikunu inkriminatorji u kemm jekk skolpatorji; meta jqis li l-investigazzjoni tkun kompluta, huwa jista' jiddikjara li l-każ ma kienx jagħti lok għal proċess jew jerġa' jibgħat lill-persuna investigata quddiem il-Qorti tal-Assiżi (*Cour d'Assises*) jew il-Qorti Korrettiva (*Tribunal correctionnel*) sabiex tiġi ġġudikata hemmhekk. L-imħallef inkwirenti ma jistax jerġa' jagħti bidu għall-kawża fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Jeħtieġ li dan jiġi mqabbad mill-Avukat tal-Istat għar-Repubblika jew mill-vittma, fil-kuntest ta' lment imressaq flimkien ma' pretensjoni għad-danni minn parti ċivili *(constitution de partie civile).*
Ġeneralment, il-Qorti Reġjonali tkun tinsab fil-**belt prinċipali tal-kontea** (*département*) tagħha, iżda tista' tkun qiegħda wkoll f'muniċipji oħrajn. Sal-1 ta' Jannar 2013, hemm 161 Qorti Reġjonali.

**2. Il-Qorti Distrettwali (*Tribunal d'instance*)**

Il-Qorti Distrettwali tiddeċiedi dwar tilwim bejn l-individwi (kawżi ċivili) li l-**ammonti tagħhom ma jaqbżu**x **l-EUR 10,000**.

Din il-Qorti għandha wkoll **kompetenzi kkonferuti** (pereż. sekwestri ta' remunerazzjonijiet, vitalizji, problemi marbuta ma’ elezzjonijiet, lokazzjonijiet residenzjali) u **kompetenzi amministrattivi** bħal pereżempju, ir-reġistratur ewlieni tal-Qorti Distrettwali huwa kompetenti biex joħroġ iċ-ċertifikati ta’ nazzjonalità.
Il-**fergħa kriminali** tagħha, il-Qorti tal-Pulizija, hija kompetenti biex tiddeċiedi fuq **kontravenzjonijiet tal-ħames klassi** (ara hawn taħt).
Barra minn hekk, l-imħallef tal-Qorti Distrettwali jaqdi l-funzjonijiet **tal-imħallef tal-kustodji (minbarra l-kustodja tal-minorenni li, permezz tal-liġi tat-12 ta' Mejju 2009, taqa' taħt l-imħallef tal-Qorti Reġjonali inkarigat mill-kawżi tal-familja)**: għaldaqstant huwa responsabbli mill-protezzjoni ta’ adulti vulnerabbli billi jikkontrolla l-immaniġġjar tal-patrimonju tagħhom.
Il-Qorti Distrettwali hija magħmula minn imħallef wieħed jew iktar, iżda l-kawżi jinstemgħu minn imħallef wieħed.
Ġeneralment, il-Qorti Distrettwali jkollha s-sede tagħha fil-**belt prinċipali tad-distrett** (*arrondissement*). Sal-1 ta' Jannar 2013, hemm 307 Qorti Distrettwali.

**3. Il-Qorti għal Talbiet Żgħar u għal Offiżi Żgħar (*Tribunal de proximité*)**

L-**imħallfin tal-Qorti għal Talbiet Żgħar u għal Offiżi Żgħar** jisimgħu **tilwim ċivili** bejn individwi, li l-ammont tagħhom ikun inqas minn EUR 4,000.
Huma kompetenti wkoll biex jgħaddu l-ġudizzju tagħhom dwar **kontravenzjonijiet tal-ewwel erba' klassijiet**.
Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat minn uffiċjal ġudizzjarju pubbliku.

**4. Il-Qorti Kummerċjali (*Tribunal de commerce*)**

Il-Qorti Kummerċjali tisma’ **diżgwidi** relatati ma' ftehimiet bejn kummerċjanti jew bejn istituzzjonijiet ta' kreditu, jew bejniethom it-tnejn, kif ukoll diżgwidi relatati ma’ kumpaniji kummerċjali jew relatati ma' atti kummerċjali bejn il-persuni kollha. Hi tisma’ wkoll **proċeduri relatati ma’ impriżi f’diffikultà**.
Il-Qorti Kummerċjali hija magħmula minn imħallfin mhux professjonali, kollha kemm huma kummerċjanti. Huma eletti għal sentejn jew erba’ snin minn kulleġġ elettorali magħmul minn imħallfin u minn eks-imħallfin tal-qorti kif ukoll minn delegati konsulari (kummerċjanti eletti fil-ġurisdizzjoni ġeografika tal-Qorti Kummerċjali).
Sal-1 ta' Jannar 2013, hemm **134 Qorti Kummerċjali**.

**5. It-Tribunal għall-Impjiegi (*Conseil de prud’hommes*)**

It-Tribunal għall-Impjiegi huwa responsabbli biex isolvi **tilwim individwali bejn l-impjegaturi u l-ħaddiema**, li jirriżultaw minn kuntratt ta’ impjieg jew ta' apprentistat.
Dan it-Tribunal hu magħmul minn imħallfin eletti, li jirrappreżentaw b'mod ugwali lill-impjegaturi u lill-ħaddiema. Huwa maqsum f’ħames taqsimiet speċjalizzati (tmexxija, industrija, kummerċ u servizzi kummerċjali, agrikoltura u attivitajiet varji). Fil-każ li l-erba’ maġistrati jiġu tnejn kontra tnejn, it-Tribunal għall-Impjiegi għandu jkun ippresedut minn imħallef tal-Qorti Distrettwali.
Għal kull kontea hemm Tribunal għall-Impjiegi wieħed jew iktar, u fil-ġurisdizzjoni ġeografika tal-Qorti Reġjonali hemm mill-inqas Tribunal wieħed.
B'kollox hemm 210 Tribunal għall-Impjiegi.

**6. It-It-Tribunal għas-Sigurtà Soċjali (*Tribunal des affaires de la sécurité sociale*)**

It-Tribunal għas-Sigurtà Soċjali jiddeċiedi dwar **tilwim bejn il-fondi tas-sigurtà soċjali u l-utenti** (pereż. problemi marbuta mas-sħubija ma' xi fond, ma' allokazzjonijiet u mal-għoti ta' benefiċċji eċċ.).
Dan it-Tribunal huwa magħmul minn President (imħallef mill-Qorti Reġjonali) u assessuri mhux professjonali maħtura għal tliet snin mill-ewwel President tal-Qorti tal-Appell, fil-ġurisdizzjoni ta' kull Tribunal, fuq lista stabbilita mid-Direttur Reġjonali taż-Żgħażagħ, tal-Isports u tal-Koeżjoni Soċjali fuq proposta tal-aktar organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi. L-opinjoni tal-President tat-Tribunal għas-Sigurtà Soċjali hija rikjesta wkoll.
B'kollox hemm 115-il Tribunal għas-Sigurtà Soċjali.

**7. It-Tribunal għad-Diżabilità (*Tribunal du contentieux de l’incapacité*)**

It-Tribunal għad-Diżabilità għandu s-setgħa li jsolvi tilwim relatat mal-invalidità jew mad-diżabilità ta' detentur tas-sigurtà soċjali, jiġifieri, il-kundizzjoni jew il-grad tad-diżabilità fil-każ ta’ mard jew ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol jew il-grad tal-invalidità fil-każ ta’ mard jew ta' aċċident mhux marbut max-xogħol.
Dan it-Tribunal huwa magħmul minn President (imħallef onorarju jew persuna kompetenti), minn assessur li jirrappreżenta lill-ħaddiema u minn assessur li jirrappreżenta lil dawk li jaħdmu għal rashom (it-tnejn li huma jkunu maħtura għal tliet snin mill-ewwel President tal-Qorti tal-Appell, fil-ġurisdizzjoni fejn ikun hemm is-sede tat-Tribunal, fuq lista stabbilita mid-Direttur Reġjonali taż-Żgħażagħ, tal-Isports u tal-Koeżjoni Soċjali fuq proposta tal-aktar organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi).
B'kollox hemm 26 Tribunal għad-Diżabilità.
Il-Qorti Nazzjonali għad-Diżabilità u għall-iffissar tal-primjums tal-assigurazzjoni għall-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol hija l-qorti tal-appell għal dawn it-tribunali, iżda ssolvi wkoll, b'ġurisdizzjoni ta' qorti tal-prim'istanza u tal-aħħar istanza, diżgwidi relatati mal-iffissar tal-primjums tal-assigurazzjoni għall-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol.

**8. It-Tribunal Konġunt għal-Lokazzjonijiet Agrikoli (*Tribunal paritaire des baux ruraux*)**

It-Tribunal Konġunt għal-Lokazzjonijiet Agrikoli *(tribunal paritaire des baux ruraux)* huwa kompetenti biex jisma’ **disputi bejn il-lokaturi u l-prendituri ta' lokazzjonijiet agrikoli** relatati mal-patt ta’ kiri ta’ raba' u mal-patt ta’ mezzadrija, ma' użufrutt tal-oqbla, ma' jeddijiet ċenstwalisti agrikoli, ma' lokazzjonijiet b'obbligu ta’ tawħil, ma' emfitewsi u ma' kuntratti dwar l-użu tal-art agrikola għall-mergħat.
L-imħallef tal-Qorti Distrettwali jippresiedi fuq it-Tribunal Konġunt għal-Lokazzjonijiet Agrikoli. Huwa megħjun minn erba' assessuri mhux professjonali, eletti mill-pari tagħhom: żewġ lokaturi u żewġ prendituri ta' lokazzjonijiet, eletti għal sitt snin minn fuq listi elettorali stabbiliti mis-sindku fuq il-proposta tal-kummissjoni tat-tħejjija tal-listi elettorali.

**Il-Qrati Kriminali**

**1. Il-Qorti tal-Assiżi (*Cour d’Assises*)**

Il-Qorti tal-Assiżi hija kompetenti sabiex **tiddeċiedi dwar reati kriminali**, jiġifieri dwar **l-aktar ksur gravi**, li kapaċi jkun ikkastigat b’piena ta' ċertu tul ta' żmien, bejn priġunerija għal għaxar snin u priġunerija għall-għomor.
Din hija **qorti stabbilita għal kull kontea** u mhijiex permanenti. Id-dati għall-ftuħ tas-seduti tagħha huma ffissati kull darba li jkun meħtieġ. Madankollu, din il-qorti tisma' kawżi b'mod kważi permanenti fl-aktar kontej importanti.
Hija magħmula minn tliet imħallfin professjonali: President (President tal-awla jew maġistrat tal-Qorti tal-Appell), żewġ assessuri (maġistrati tal-Qorti tal-Appell jew maġistrati tal-Qorti Reġjonali tal-kontea fejn ikun qed isir is-smigħ) u ġurija (sitt ċittadini li jittellgħu bix-xorti). Hija tisma' wkoll il-kawżi, bħala fergħa tal-Qorti tal-Assiżi tal-Minorenni, b’ġurament, għal reati mwettqa minn minorenni. F’dawn il-każijiet, l-assessuri professjonali jkunu l-imħallfin tat-tfal.
Ċerti reati li jkunu relatati mal-leġiżlazzjoni dwar it-terroriżmu jew il-militar, jew li jkunu relatati mat-traffikar tad-droga jinstemgħu minn Qorti tal-Assiżi magħmula esklussivament minn imħallfin professjonali.
Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat minn Avukat Ġenerali.

**2. Il-Qorti Korrettiva (*Tribunal correctionnel*)**

Din il-qorti hija kompetenti **biex tiddeċiedi dwar id-delitti**, jiġifieri, il-**ksur** li bil-liġi jiġi kkastigat b’massimu ta' għaxar snin priġunerija jew b'multa ta' EUR 3750 jew aktar. Din il-qorti hija mehmuża mal-Qorti Reġjonali. Fil-prinċipju, hija magħmula minn tliet imħallfin professjonali, ħlief għal dawk l-ipotesijiet legali ta' ksur li jkun jirrikjedi imħallef wieħed biss.

Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat mill-Prokuratur tar-Repubblika jew minn wieħed mis-sostituti tiegħu.

**3. Il-Qorti tal-Pulizija (*Tribunal de police*)**

Din il-qorti hija kompetenti biex tiddeċiedi dwar **kontravenzjonijiet** tal-ħames klassi. Is-sede tagħha jinsab fil-Qorti Distrettwali. Hija ppreseduta mill-imħallef tal-Qorti Distrettwali, li jgħaddi l-ġudizzju waħdu.

Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat mill-Prokuratur tar-Repubblika jew minn wieħed mis-sostituti tiegħu.

**4. Il-Qorti għal Talbiet Żgħar u għal Offiżi Żgħar (*Tribunal de proximité*)**

Hija kompetenti biex tieħu deċiżjonijiet dwar **kontravenzjonijiet** tal-ewwel klassi u tar-raba' klassi. Is-sede tagħha jinsab fil-Qorti Distrettwali. Hija ppreseduta mill-imħallef tal-Qorti għal Talbiet Żgħar u għal Offiżi Żgħar, li jgħaddi l-ġudizzju waħdu.

Il-prosekutur pubbliku jaqdi l-funzjonijiet li normalment jitwettqu minn Kummissarju tal-pulizija.

**5. Il-Qrati Speċjalizzati**

Hemm ukoll qrati speċjalizzati f'ċerti litiġji kriminali, bħall-Qrati Marittimi Kummerċjali, li preżentament hemm 14-il waħda minnhom u li huma kompetenti biex jiddeċiedu dwar ċerti delitti ta' natura marittima.

## Il-Qrati tat-Tieni Istanza

Il-Qorti tal-Appel *(cours d'appel)* tintervjeni bħala qorti tat-tieni istanza, biex terġa' tiddeċiedi *de jure* jew *de facto* dwar **il-kawżi li jkunu diġà ġew iġġudikati** mill-qrati tal-prim'istanza.

Hija magħmula esklussivament minn imħallfin professjonali: l-ewwel President, Presidenti tal-awla u maġistrati tal-appell (minbarra fil-Qorti tal-Appell tal-Assiżi, ara hawn fuq).

Kull qorti tinkludi **awli speċjalizzati** (f'oqsma ċivili, soċjali, kummerċjali u kriminali), u kull waħda minnhom hija magħmula minn tliet maġistrati professjonali: President tal-awla u żewġ maġistrati tal-appell.

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Assiżi jinqatgħu fl-appell minn Qorti tal-Assiżi oħra, maħtura mill-awla kriminali tal-Qorti tal-Kassazzjoni. **Il-Qorti tal-Appell tal-Assiżi** hi magħmula minn disa' membri tal-ġurija.

**Il-Qorti Nazzjonali għad-Diżabilità u għall-iffissar tal-primjums tal-assigurazzjoni għall-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol** hija l-qorti tal-appell tat-Tribunali għad-Diżabilità.

Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat mill-Prokuratur Ġenerali jew minn wieħed mill-Avukati Ġenerali jew mis-sostituti ġenerali tiegħu.

**Il-Qorti tal-Kassazzjoni**

Il-Qorti tal-Kassazzjoni *(Cour de cassation)* hija **l-ogħla qorti fil-ġudikatura ordinarja**. Is-sede tagħha tinsab f'Pariġi. Ir-rwol tagħha huwa li tivverifika l-**konformità tas-sentenzi** tal-Qrati u tat-Tribunali man-normi ġuridiċi, lil hinn minn kwalunkwe valutazzjoni ġdida tal-fatti. Għalhekk, hi ma tikkostitwixxix qorti tat-terza istanza iżda tiżgura li **l-każistika tkun unifikata**, filwaqt li taġixxi ta' **korp regolatorju tad-dritt u tar-rispett lejn il-legalità**.

Jistgħu jinbdew proċeduri quddiem din il-qorti permezz ta' appell, **"appell fil-kassazzjoni"**, li jitressaq minn persuna li kienet oġġett ta' sentenza meħuda mill-qorti, jew mill-prosekutur pubbliku.

Jekk il-qorti tqis li s-sentenza kkontestata ma tkunx ittieħdet f'konformità man-normi ġuridiċi, **hija "tkisser" is-sentenza**. Imbagħad, il-kawża terġa' tintabagħat quddiem qorti oħra biex tiġi ġġudikata mill-ġdid.

Fil-każ kuntrarju, hija **tirrifjuta l-appell**, u dan iwassal biex is-sentenza kkontestata tkun dik finali.

F'każijiet eċċezzjonali, meta t-twarrib ta' sentenza ma jkunx jimplika li l-kawża trid tiġi ġġudikata mill-ġdid fuq il-merti tagħha, il-qorti tista' **tħassar sentenza mingħajr ma tirrikorri għar-rinviju**. Billi tħassar sentenza mingħajr ma tirrikorri għar-rinviju l-qorti tista' ttemm ukoll il-litiġju, jekk il-fatti, iddikjarati u meqjusa b'mod sovran quddiem il-qorti fil-mertu, ikunu jippermettulha tapplika n-norma ġuridika adattata.

Il-Qorti tal-Kassazzjoni hija maqsuma f'awli *(chambres)* (tliet awli ċivili, waħda kummerċjali, waħda soċjali u waħda kriminali). Kull waħda minn dawn hija magħmula minn maġistrati professjonali tas-sede, President u maġistrati tal-appell. Skont in-natura tal-kawża, din il-qorti tista' tgħaddi l-ġudizzju tagħha f'awli mħallta (ta' mill-inqas tliet awli) jew f'assemblea plenarja (l-ewwel President, il-Presidenti tal-awli u maġistrati tal-appell).

Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat mill-**Prokuratur Ġenerali** u minn Avukati Ġenerali.

## Il-banek tad-dejta ġuridiċi

Il-bażijiet tad-dejta ġuridiċi fi Franza huma koperti minn servizz pubbliku ta' disseminazzjoni fuq l-internet. Il-websajt Légifrance fiha s-sentenzi kollha tal-Qorti tal-Kassazzjoni u tal-Qorti tal-Appell:

fuq il-bażi tad-dejta "CASS" għas-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni ppubblikati,

fuq il-bażi tad-dejta "INCA" għas-sentenzi mhux ippubblikati, u

fuq il-bażi tad-dejta "CAPP" għas-sentenzi tal-qrati tal-appell.

**L-aċċess għall-bank tad-dejta huwa bla ħlas?**

Iva l-aċċess għall-bank huwa bla ħlas.

**Deskrizzjoni fil-qosor tal-kontenut**

Is-sentenzi huma disponibbli bil-Franċiż u **xi sentenzi** huma tradotti wkoll **bl-Ingliż, bl-Għarbi u bil-Mandarin**.

Il-bażi tad-dejta "CASS" taħżen 120 000 sentenza u għandha fluss annwali ta' 2100 sentenza.

Il-bażi tad-dejta "INCA" taħżen 246 000 sentenza u għandha fluss annwali ta' 10 000 sentenza.

Il-bażi tad-dejta "CAPP" fiha 19 000 sentenza u għandha fluss annwali ta' 20 000 sentenza.

**Ħoloq relatati**

Il-ġurisdizzjoni tal-qrati - Franza

L-aħħar aġġornament: 19/09/2013

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.